**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12

Data tal-laqgħa: 20 ta' Marzu, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 20 ta' Marzu 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech **(SKUŻAT)**<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

## 12/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**12/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sabiex jiġi skużat minn din il-laqgħa minħabba impenn ieħor.

**12/01/02** Il-Kunsilliera approvaw din l-ittra b'apoloġija.

## 12/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**12/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 11 li nżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**12/02/02** Is-Sa Mariah Meli xtaqet tiġbed l-attenzjoni kif fil-minuti ma kienx hemm inkluż il-punt li kienet ressqet hi fejn kienet infurmat lill-Kunsilliera preżenti li hi ser tkun qed titkellem ma' l-Università sabiex tara jekk flimkien mal-fakulta ta' l-arkitettura jikkolaboraw ma dan il-Kunsill kif diġa sar ma' lokalitajiet oħra sabiex jassistu fit-*traffic management* u *road designs*. Hi ser tkun qed żżomm il-Kunsill aġġornat ġaladarba jkun hemm xi aġġornament.

**12/02/03** Il-Minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindki tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondanta mis-Sa Marilena Hassan.

**12/02/04** Id-DSE infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**12/02/05** Id-DSE għamlet referenza għat-talba li kienet tressqet f'laqgħa numru 10 mis-Sa Marilena Hassan fejn kienet ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Ġnien hemm bżonn ta' aktar dawl. Id-DSE infurmat kif kienet ressqet din it-talba lill-Enemalta u ser tkun qed tinżamm laqgħa fuq is-sit mal-Perit William Agius nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2025, fid-9:30 ta' filgħodu.

**12/02/06** B'referenza għat-talba li kienet ġiet imressqa sabiex Triq Luigi Catania tiġi zona pedonali, id-DSE spjegat kif wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet inżammet laqgħa fuq talva imressqa mir-residenti ta' din l-akwata sabiex tiġi diskussa. Id-DSE spjegat kif f'din il-laqgħa kien hemm qbil sabiex ikun hemm tabelli akbar u aħjar sabiex jarfu lis-sewwieqa li vetturi kbar m'għandhomx jgħaddu minn din it-Triq kif ukoll sabiex titpoġġa *sleeping police* fil-bidu ta' din it-Triq.

**12/02/07** Id-DSE żiedet tgħid kif din it-talba ġiet imressqa lil TM manadakollu l-Kunsill ġie infurmat li TM qed tirrevedi l-kundizzjonijiet marbuta mas-*sleeping police* u ser tkun qed tikkomunika lura mal-Kunsill ġaladarba jkollhom din l-informazzjoni.

**12/02/08** Id-DSE għamlet referenza għat-talba li l-Kunsill kien ressaq lil TM sabiex Triq XX tkun *one way* bejn is-6:30 u d-9 ta' filgħodu. Hi spjegat kif waqt laqgħa *onlajn* mal-Perit Antoinette Conti dwar suġġett ieħor, is-Sindku staqsiet direzzjoni dwar dan. Id-DSE spjegat kif il-Perit Conti infurmat kif TM ma kienx ser jgħati l-approvazzjoni tiegħu ġaladarba ma jkunx hemm qbil bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali kkonċernati.

**12/02/09** Id-DSE għamlet referenza għat-talba li saret lill-avukat sabiex jitranġa l-kliem li hemm fil-kuntratt tas-*Search Light Battery*. Id-DSE spjegat li għalkemm hi kienet bagħtet diversi emails lill-avukat, dan kien għadu ma tax risposta. Il-Kunsill qabel li jekk ma jingħatax risposta fi żmien ftit ġranet, il-Kunsill għandu jitlob direzzjoni mingħand avukat ieħor.

**12/02/10** B'referenza għas-sejħa ta' Clerk fuq bażi Part Time (Skala 15), id-DSE infurmat kif sad-data ta'l-għeluq ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025, il-Kunsill kien irċieva 4 applikazzjonijiet mill-lista provduta minn Jobsplus. Għal din ir-raġuni l-bord kompost mill-Kunsilliera kollha (ħlief minn Francesca Attard li ma setatx tkun preżenti) kienu preżenti biex jgħamlu l-intervisti nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu 2025.

**12/02/11** Id-DSE spjegat kif minn erbgħa applikazzjonijiet attenda persuna biss u nżammet l-interverista. Il-Bord iddeċieda li l-persuna ma kienx adekwat għal din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni, hi spjegat kif din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata ma' Jobsplus u mad-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar dan. Il-Jobsplus taw l-approvazzjoni tagħhom u għaddew lista ta' kandidati eleġibli taħt Part 3. Dawn l-applikanti għandhom ċans jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sal-Ġimgħa 21 ta' Marzu 2025. Ingħatat ukoll l-approvazzjoni tal-jobsplus sabiex din is-sejħa tinħareġ esternament ukoll u għal din ir-raġuni dan l-avviż ġie ppublikat fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill, kif ukoll fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Hi spjegat kif dawk interessati għandhom ċans li japplikaw sa mhux atar tard minn nhar it-Tlieta 1 t'April 2025. L-intervisti ser jinżammu immedjatament ġaladarba jkun hemm applikazzjonijiet.

**12/02/12** is-Sa Mariah Meli talbet aġġornament dwar il-laqgħa li l-Kunsill kien talab lil TM dwar in-nuqqas ta' uffiċċjali biex ikunu preżenti ma' permessi fejn it-Triq ikollha bżonn tingħalaq minħabba xogħolijiet li jkunu qed isiru.

**12/02/13** Id-DSE spjegat kif din il-laqgħa hija skedata li tinżamm nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu, fis-1 ta' wara nofsinhar. Hi spjegat kif kienet infurmat lil kulħadd dwar din il-laqgħa u kif is-Sa Meli kienet ikkonfermat li hi kienet ser tkun preżenti onlajn.

**12/02/14** Is-Sa Meli qalet kif għandha problema peress li ser tkun qed taħbat ma' laqgħa oħra importanti. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex tintalab li din il-laqgħa ssir ġurnata oħra.

**12/02/15** Id-DSE ressqet id-domandi li kienu ntbagħtu permezz ta' emejl mingħand is-Sa Meli sabiex titlob aġġornamenti.

**12/02/16** B'referenza għal punt 11/02/12 dwar il-kuntratt tas-*search light battery,* id-DSE infurmat kif kienet diġa tat aġġornament dwar dan aktar 'il fuq.

**12/02/17** B'referenza għal punt 11/02/16 dwar il-laqgħa ma' TM fuq l-uffiċċjali, id-DSE infurmat dwar il-laqgħa aktar 'il fuq.

**12/02/18** B'referenza għal punt 11/04/05 dwar it-talba sabiex ikun hemm sinjal maz-zebra crossing fi Triq Caravaggio, id-DSE infurmat kif kien hemm talba ma' TM u ġejna nfurmati li din trid tiġi referuta għand TM u spjegat kif forsi dawn jiġu koperti minn IM.

**12/02/19** B'referenza għat-talba sabiex isiru r-road markings fi Triq Caravaggio, din it-talba ġiet imressaq lil TM peress li t-Triq kienet saret minn naħa tagħhom. Kif ikun hemm risposta, hi ser tkun qed taġġornhom.

**12/02/20** B'referenza għal punt 11/04/09 dwar talba sabiex tinżamm laqgħa mar-Reġjun Lvant u Reġjun Tramuntana dwar it-traffic management, hi spjegat kif bħala Kunsill intbagħtet it-talba u qed nistennew risposta minn naħa tar-Reġjun Tramuntana.

**12/02/21** B'referenza għal punt 11/04/14 dwar it-talba sabiex issir *sleeping police* fi Triq San Nikola, id-DSE spjegat kif il-Kunsill kien bagħat ittra lir-residenti ta' din l-akwata sabiex naraw jekk kienx hemm approvazzjoni mir-residenti u kif dawn għandhom ċans jinfurmaw lill-Kunsill sal-Ġimgħa 21 ta' Marzu 2025.

**12/02/22** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif f'din it-Triq diġa hemm *sleeping police* eżisitenti għandha ħafna minnha imkissra u talbet sabiex din tiġi tranġata.

**12/02/23** B'referenza għal punt 11/04/19 dwar il-kuntratt tad-dawl, id-DSE infurmat li din kienet ser tissemma aktar 'il quddiem.

**12/02/24** B'referenza għal talba sabiex il-Kunsill ikollu student minn MCAST, id-DSE spjegat li din it-talba ġiet imressqa u qed tistenna mingħand is-Sur Gabriel Borg.

**12/02/25** B'referenza għal punt 11/04/24 dwar tabelli ta' informazzjoni quddiem siti storiċi, id-DSE spjegat li l-uffiċċju sabu mingħand min kienu nxtraw it-tabelli li hemm preżentament u ser tkun qed tinġabar kwotazzjoni sabiex tiġi mressqa lill-MTA.

**12/02/26** B'referenza għat-talba li kienet saret sabiex jinxtraw *doggy bins* ġodda, id-DSE issuġġeriet sabiex dawn jinxtraw permezz ta' l-applikazzjoni ta' fondi dwar *Cleanups.* Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 12/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**12/03/01** Is-Sindku, is-Sa Helen Gauci, infurmat lill-Kunsilliera kif kienet irċiviet talba mingħand il-Kumitat tal-Planċier sabiex nhar is-Sibt 26 t'April ser ikun qed jorganizza attività fil-ġnien biex jinġabru aktar flus għal planċier fejn ser ikun hemm għana kif ukoll bejħ ta' ikel.

**12/03/02** Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan u jaraw li jsir tindif ġaladarba l-attività tkun spiċċat.

**12/03/03** Is-Sindku għamlet referenza għal mixja li ssir kull sena fil-Ġimgħa l-Kbira b'risq Puttinu Cares, hi spjegat kif fis-sena preċedenti l-Kunsill kien provda trasport b'xejn mill-pjazza tal-Għargħur u lura. Għal din ir-raġuni hi staqsiet lill-Kunsilliera jekk din għandhiex terġa tiġi offruta din is-sena.

**12/03/04** Il-Kunsilliera preżenti approvaw li dan it-trasport għandu jiġi provdut b'xejn.

## 12.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**12/04/01** Is-Sa Francesca Attard staqsiet jekk kienx hemm aġġornament fuq il-expropriation of land ta' Sqaq l-Imnieqa.

**12/04/02** Is-Sindku spjegat kif il-Kunsill kien irċieva ittra mill-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex tiġi mħalsa multa ta' €45 kull persuna. Din għandha tiġi mħalsa b'mod immedjat mill-Kunsill flimkien mar-residenti ta' dan l-isqaq.

**12/04/03** Is-Sa Attard infurmat li kienet inżammet il-coffee morning nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025 fejn kien hemm madwar 30 ruħ.żiedet tgħid ukoll kif kien hemm skedata laqgħa l-ġimgħa d-dieħla sabiex tiġi diskussa l-attività għal April u kien hemm ukoll diskussjoni sabiex issir ġurnata għal Għawdex f'Ġunju li ġej. Il-pjan huwa lest u kemm jiġi ppreparat u jinħareġ avviż fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill.

**12/04/04** Is-Sa Meli infurmat kif kienu nħarġu r-riżultati tat-*Town Twinning* nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 fejn l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet fil-post numru 73 u għalkemm l-applikazzjoni kienet tajba, sfortunatament ma kienx hemm biżżejjed fondi biex l-applikazzjoni tiġi approvata. Hi spjegat kif kien hemm 396-il applikazzjoni minn madwar l-pajjiżi fl-Ewropa.

**12/04/05** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif meta il-Kunsill kien ġie biex jossottometti din l-applikazzjoni onlajn flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, kienu sabu diffikulta sabiex jissottomettu din l-applikazzjoni u temporanjament kellha tkun abbinata ma' l-emejl account tagħha sakemm eventwalment kellu jinqala kollox għal fuq il-Kunsill. Hi spjegat kif meta aktar kmieni dakinhar pruvajt tidhol biex taċċessa biex issir ta fir-riżultat ta' l-applikazzjoni tat-*Town Twinning*, kien hemm diffikulta sakemm kellha dan l-aċċess peress li rriżulta li dan l-aċċess qatt ma kien imbidel.

**12/04/06** Is-Sa Meli ippreżentat fuq il-mejda l-ittra ta' rifużjoni għall-applikazzjoni tat-*Town Twinning* u talbet lid-DSE sabiex tibgħat emejl ta' notifika lill-għaqdiet dwar dan.

**12/04/07** Is-Meli kompliet tispjega kif meta kienet f'dan il-*portal*, indunat li kien hemm ittra ta' rifużjoni oħra dwar proġett ieħor dwar *immigration crises* ma' NGO Portugiża. Hi spjegat kif hi tkellmet

mas-Sindku kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien u ħadd ma kien jaf dwar dan il-proġett. Dan il-proġett ma ġiex milquh allura ma kienx hemm problem. Madanakollu hi spjegat kif kien hemm proġett ieħor li kien ser jiġi iffinalizzat sa nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2025 fuq l-istess programm pero fuq sostenibilita ma' l-istess NGO. Hi qalet ukoll kif il-persuni ta' kuntatt mill-Kunsill kienu tas-Sindku kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien. Peress li ħadd ma kien jaf xejn dwar dan il-proġett kien hemm qbil sabiex din l-NGO tiġi nfurmata li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur ma kienx interessat li jipparteċipa u sabiex jekk ikun hemm opportunità oħra fil-futur, il-Kunsill għandu jiġi mgħarraf mill-istess NGO dwar l-interess u jitlob l-approvazzjoni tal-kunsill. Hi qrat il-korrispondenza li hi bagħtet b'mod immedjat lil din l-NGO u spjegat ukoll li dan il-proġett qatt ma kien tressaq fil-laqgħat tal-Kunsill u hi, bħala l-Kunsilliera bid-dekasteru dwar il-fondi, hi qatt ma kienet infurmata dwar dan. Hi qalet kif kellha tweġiba ftit wara fejn ingħatat konferma li l-Kunsill mhux ser ikun parti minn din l-applikazzjoni.

**12/04/08** Is-Sa Meli spjegat ukoll kif wara ftit ħin, hi ikkonfermat li l-Kunsill tal-Għargħur ma kienx għadu qed jidher parti minn din l-applikazzjoni. Hi ressqet ukoll email li kienet mibgħuta mill-Email tal-Kunsill u ffirmata mingħand is-Sindku.

**12/04/09** Is-Sindku ma setatx tiftakar x'kien ġara u li ser tkun qed titkellem mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien biex jifhmu x'seta kien ġara.

**12/04/10** Is-Sa Meli talbet li sakemm hi tkun responsabbli mill-applikazzjonijiet tal-UE, hi għandu jkollha aċċess għal *portal* ta' l-UE.

**12/04/11** Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

**12/04/12** Is-Sa Meli ipproponiet li l-Kunsill jieħu sehem f'*Earth Day* kif ukoll titla *post* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Is-Sindku ikkonfermat li kienet diġa ftehemet sabiex id-dawl tal-binja jintefa għal din l-okkazzjoni.

**12/04/13** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-*EU Sports Week* u kif għadha qed tiffinalizza l-programm. Hi spjegat kif meta l-Programm ikun iffinalizzat, hi ser tkun qed tressqu fil-laqgħa tal-Kunsill.

**12/04/14** Is-Sa Meli spjegat kif hi kienet għamlet kuntatt ma' *consultancy agency* sabiex jgħatu l-għajnuna neċessarja fl-implimentazzjoni tal-proġett b'mod speċjali peress li fil-preżent il-Kunsill m'għandux biżżejjed riżorsi umani biex ix-xogħol neċessarju jsir. Hi spjegat li hi ser tkun lesta biex tassissti u tagħmel il-monitoraġġ neċessarju, pero xorta waħda ser ikun hemm bżonn din it-tip t'għajnuna. Hi spjegat kif hemm programm Erasmus Students Plus Youth Exchange Programme fejn il-Kunsill ma joħroġ l-ebda fondi minnu peress li dawn ser ikunu fondi ta' l-UE, inkluż ukoll il-ħlas neċessarju għal din l-aġenzija ta' konsultazzjoni.

**12/04/15** Is-Sa Meli tat spjegazzjoni dettaljata fuq dan il-proġett fejn il-lokalità tal-Għargħur tkun qed tospita grupp ta' żgħażagħ barranin u jkun hemm programm dawn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jintegraw mal-komunità ta' Ħal Għargħur. Hi spjegat kif it-titlu ta' dan il-proġett ser ikun jismu – 'An Inclusive Programme for Youths' bil-ħsieb li jekk jiġi mgħażul, dan ikun implimentat f'Novembru. Hi spjegat ukoll kif aġġornament ser jingħata ġaladarba jkun hemm xi żvilupp ġdid.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**12/04/16** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif hi għażlet Novembru peress li fih hi tkun tistà tinkorporta Pjazza Familja, Logħba tal-Football mal-Plejers, hike u *clean up event,* fost affarijiet oħra, inkluż *intercultural night*. Żiedet tgħid ukoll kif għal dan il-proġett għandu jkun hemm persuna f'komunikazzjoni diretta magħhom u għal din ir-raġuni talbet sabiex hi tkun din il-persuna.

**12/04/17** Is-Sa Meli qalet ukoll kif permezz ta' dan il-proġett, ser ikun hemm opportunità biex tliet żgħażagħ mill-Għargħur ikunu jistgħu jmorru kors il-Greċja għal esperjenza kulturali. Is-sejħa tag ħlaq fl-aħħar ta' Marzu 2025 u għal din ir-raġuni talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**12/04/18** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din it-talba.

**12/04/19** Is-Sa Meli xtaqet titkellem dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill fejn hi spjegat kif fl-ewwel laqgħa wara li kienet ġiet maħtura bħala Kunsilliera, hi kienet ressqet diversi domandi dwar dan kif ukoll kellha tiġi l-accountant fil-laqgħa sabiex tagħti spjegazzjoni aħjar tal-finanzi. Hi qalet kif għalkemm kien qed isir il-*book keeping,* l-accountant preċedenti ma ppreżenta l-ebda rapport finanzjarju skond kif kien mitlub u għaldaqstant hi talbet sabiex ikollha spjegazzjoni ċara dwar dan kollu.

**12/04/20** Id-DSE spjegat kif wara diversi problemi, fl-aħħar inxtrat liċenzja ġdida tas-SAGE peress li dik li kienet qed tintuża kienet verżjoni antika ħafna u issa qedha instalatta fuq kompjuter fil-Kunsill. Għal din ir-raġuni l-accountants il-ġodda bdew jiġu l-uffiċċju tal-kunsill sabiex jibdew jippreparaw dawn ir-rapporti u l-pjan kien li sal-laqgħa tal-kunsill li jmiss, jiġu ppreżentati r-rapport finanzjarju tas-sena 2024. Hi spejgat kif qed tinsisti kuljum u tara li dawn isiru u jekk ikunu lesti qabel il-laqgħa li jmiss, ser tkun anke qed tiġi msejħa laqgħa b'urġenza sabiex dawn ir-rapporti jiu spjegati u approvati.

**12/04/21** Is-Sa Meli spjegat kif hi tħoss li s-sitwazzjoni hija inkwetanti ħafna u tlabet lis-Sindku tispjega kif bħala Kunsill kien qiegħed jaħdem mingħajr ebda *backup* kif ukoll kif il-Kunsill baqa' għaddej b'kuntratt skadut.

**12/04/22** Id-DSE spjegat li l-accountants preċedenti kellhom kopja ta' dan il-*backup.*

**12/04/23** Is-Sindku spjegat kif sa meta l-accountant kien jinsab tajjeb u qabel ma miet, is-servizz kien qed jingħata tajjeb. Sfortunatament l-accountant kien miet f'nofs is-sena u allura l-Kunsill kien qed jingħata nofs ix-xogħol.

**12/04/24** Is-Sa Meli irringrazzjat lid-DSE li qed tagħmel minn kollox biex iġġib dawn id-dokumenti aġġornati u eseġiet li jkun hemm dejjem backup.

**12/04/25** Is-Sa Meli talbet aġġornament fuq il-BCRS u peress li kienet inġibdet l-attenzjoni mill-G ħaqda tan-nar li din il-magna ser tkun qedha viċin il-post fejn jinħaraq in-nar ta' lart.

**12/04/26** Id-DSE infurmat li kienet għamlet kuntatt mas-CEO tal-BCRS pero qed tistenna risposta bil-miktub.

**12/04/27** Is-Sindku xtaqet tressaq fuq il-mejda l-iskema li nħarġet dwar is-servizz ta' Childminding fejn il-Kunsill jistà jesprimi l-interess tiegħu li joffri dan is-servizz lill-Kunsilliera li għ andhom tfal żgħar sabiex ikollhom min jieħu ħsiebhom sakemm tkun għaddejja l-laqgħa tal-Kunsill.

**12/04/28** Il-Kunsilliera Mariah Meli u Marilena Hassan espremew l-interess tagħhom u għal din ir-raġuni d-DSE ser tieħu ħsieb tissottometti dan l-interess permezz ta' l-applikazzjoni.

**12/04/29** is-Sindku ressqet kwotazzjoni ta' persuna eleġibbli li tkun tistà toffri dan is-servizz għal €10 fis-seigħa.

**12/04/30** Din il-kwotazzjoni ġiet approvata sabiex tkun inkluża fil-proposta imressqa.

## 12/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

**12/05/01** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera laqgħa onlajn li kienet inżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025 mal-Perit Antoinette, Ivan Pierre u Thomas Debono dwar is-sit ta' fejn tistà titpoġġa l-bus stop li tinsab maġemb il-Knisja. Hi spjegat ukoll kif TM ħejjew rapport. Liema rapport ġie mgħoddi lill-Kunsilliera għall-attenzjoni tagħhom u sabiex dan jiġi diskuss f'din il-laqgħa.

**12/05/02** Wara diskussjoni fit-tul fuq dan ir-rapport, il-Kunsilliera qablu sabiex jibgħatu tweġiba lil TM u jitolbu sabiex il-bus stop titpoġġa fil-bidu ta' Triq San Barilmew, jitolbu konferma mingħand il-Malta Public Authority li l-ebda karozza ma tibqa wieqfa fuq il-bus stop l-antika u li ser tkun tneħħiet, u sabiex l-ewwel parkeġġ wara l-bus stop ikun dak tal-*communal reserved parking bay.*

**12/05/03** Id-DSE għamlet referenza għal SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026. Hi spjegat kif id-dettalji ta' din l-attività ġew diskussa wara li kienet inżammet l-intervista għal pożizzjoni ta' clerk pero, għal fini ta' minuti, hi qalet kif kienet ser insemmi l-ideat li ġew imressqa mill-Kunsilliera li kienu preżenti f'din il-laqgħa peress li dawn il-minuti jridu jiġu annessa ma' l-applikazzjoni.

**12/05/04** Id-DSE spjegat kif il-Kunsill Lokali ser ikun qed japplika għal din l-iskema sabiex tittella attività għal familja kollha nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2025 mis-7 ta' filgħaxija 'l quddiem fil-pjazza tal-Għargħur. L-attività ser ikun jisimha 'Lejla Fokloristika Għargħurija' fejn fiha ser ikun hemm programm mużikali (ix-xelter ser ikun qed jinfetaħ għal pubbliku, ser issir treasure hunt għal familja, ser ikun hemm rappreżentanti minn project Green sabiex jgħamlu attivitajiet għat-tfal, ser

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


tiġi mqabda kumpanija sabiex torganizza logħob tradizzjonali. Matul din is-serata ser ikun hemm tagħrif dwar l-istorja tal-għargħur mis-Sur Mario Coleiro, akkumpanjat minn mumenti umoristiċi mis-Sur Rodney Gauci. Għal din ir-raġuni l-uffiċċju amministrattiv diġa ħa ħsieb jitlob il-kwotazzjonijiet neċessarji, inkluż dak ta' *risk assessment* u ta' Insurnace. Hi spjegat ukoll kif dawn il-kwotazzjonijiet ser ikunu miżjuda ma' l-applikazzjoni.

**12/05/05** Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

**12/05/06** Id-DSE ressqet fuq il-mejda Cir AKL 2025/024_Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità fejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġiet avviċinata minn Identità sabiex il-karti tal-identità jibdew jinġabru mill-Kunsilli Lokali rispettivi. Il-Kunsill għandu jimla formola u jgħid jekk jixtieqx joffri dan is-servizz.

**12/05/07** Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu jirreġistra l-interess tiegħu.

**12/05/08** Id-DSE ressqet fuq il-mejda Cir AKL 2025/025 - Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijietu spjegat kif l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġiet avviċinata mill-ARMS sabiex il-kontijiet tar-residenti jibdew jitħallsu fil-Kunsilli Lokali. Persentaġġ minn dawn il-ħlasijiet ser jingħata lill-Kunsilli Lokali rispettiv u s-*software* tas-sistema tal-ħlas se tkun provduta mill-ARMS stess. Tajjeb li nżidu li dan is-servizz huwa ta' pagamenti biss. Hi spjegat li jekk il-Kunsill Lokali huwa interessat, trid tiġi sottomessa applikazzjoni.

**12/09/09** Il-Kunsilliera preżenti qablu li m'għandhomx għalfejn japplikaw għal din iċ-ċirkulari peress li dan is-servizz diġa qiegħed jingħata mis-sub office tal-Maltapost.

**12/05/10** B'referenza għat-tender ta' l-*istreet lighting*, id-DSE infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif din qed tiġi diskussa fil-laqgħat tar-Reġjun u l-Kunsill iddeċieda biex għalissa jistennew biex jaraw x'ser jissuċċedi.

**12/05/11** Id-DSE għamlet referenza għall-laqgħa onlajn dwar il-*walking/cycling school initiative* li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2025 mal-Perit Jeannette Axisa u s-Sa Audrey Demicoli minn Transport Malta, kif ukoll mal-Kap ta' l-iskola tal-Primarja. Hi spjegat kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sindku, is-Sa Mariah Meli u d-DSE.

**12/05/12** Is-Sa Mariah xtaqet iżżid il-kummenti tagħha fuq dan il-proġett u spjegat kif waqt din il-laqgħa hi indunat li l-Kap ta' l-iskola tixtieq li dan il-proġett issir pero ma tistax tieħu responsabilità ta' dan il-proġett. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif hi reġgħet ikkomunikat mal-Kap ta' l-iskola u nfurmata kif hi ser tkun qed tikkomunika ma' l-FES biex da il-proġett ikun jistà jibda fis-sajf. Hi qalet ukoll kif jekk huma jaraw li qed ikun hemm interess tajjeb, dan il-proġett jibda jidħol fix-xitwa ukoll.

12/05/13 Is-Sa Meli xtaqet issemmi l-aħħar punt dwar il-proġett tat-telephone box li tinsab fil-pjazza fejn kienet f'kuntatt mad-DSE kif ukoll mal-Maniġer tal-Kultura, James Hamberger, u kif ġew biex jiffinalizżaw l-applikazzjoni, hi spjegat kif din l-applikazzjoni kellha tieqaf peress li wieħed mid-dokumenti mitluba huma r-rapporti finanzjarju tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni l-applikazzjoni tiġi sottomessa meta dan ir-rapport ikun għand il-Kunsill.

12/05/14 Is-Sa Meli semmiet ukoll dwar ix-xogħolijiet li kienu saru fi Triq San Gwann u dwar il-bollards li kienu saru riċentament. Hi qalet kif kien hemm xi xogħol li aktarx sar minn Enemalta u kif il-Kunsill ghandu jitkellem ma' l-Enemalta ghax ix-xogħol relatat ma' WSC ġiet komplut u tranġat.

## 12.6 GLC/03/2024 – Sejħa għal Resurfacing ta' Triq Għaxqet L-Għajn inkluż l-installazzjoni ta' Dawl u Bankijiet bl-Użu ta' Materjali u Prattiċi favur l-Ambjent

**12/6/1** B'referenza għal din is-sejħa, id-DSE infurmat kif wara li kienet ingħalqet, id-dokumenti taż-żewġ offerti ġew mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill għal kummenti tiegħu. Il-bord kompost minn Helen Gauci, Francesca Attard, Mariah Meli u Marilena Hassan fil-preżenza tad-DSE iltaqgħu nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 biex dan jiġi diskuss. Madanakollu waqt levalwazzjoni l-Perit tal-Kunsill għamel rimarka fuq l-area u li dan irid jiġi rivedut.

**12/6/2** Peress li ż-żball li kien sar f'dan l-ammont partikolari kien ser jaffettwa l-ammont totali tal-kuntratt, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera sabiex iż-żewġ *bidders* jiġu nfurmati dwar dan l-iżball permezz ta' email uffiċċjali, tiġi kkanċellata s-sejħa mis-sistema u terġa tinħareġ is-sejħa mill-ġdid.

**12/6/3** Id-DSE infurmat kif fuq qbil tal-Kunsilliera, ser tkun qed tinħareġ is-sejħa ġdida fil-ġranet li ġejjin.

## 12.7 Għażla ta' Rappreżentant f'GAL Majjistral

**12/7/1** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif għalkemm fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li s-Sra Marilena Hassan ser tkun qed tirrappreżenta lill-Kunsill Lokali f'dawn il-laqgħat, madanakollu wara li kien ġie deċiż hekk, ġejna nfurmati li l-laqgħat qed isiru kmieni u minħabba x-xogħol, is-Sa Hassan ma tkunx tistà tattendi.

**12/7/2** Id-DSE spjegajt kif kienet tkelmet mas-Sa Francesca Attard u aċċettat li tibda tattendi għal dawn il-laqgħat hi.

## 12/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**12/08/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**12/08/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax  :  2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


## 12/9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**12/9/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:55p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 15 ta' April 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Helen Gauci**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |